MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 878/2007

**Anna Tabone (I.D. Card Nru. 681858M)**

**Vs**

**Luciano Tabone (I.D. Card Nru. 537057M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu l-attrici titlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta' tlett elef erba' mija u disgha u erbghin euro u sitt centenzmi (€3,494.06) [ekwivalenti ghal LM1,500] rapprezentanti hlas ta' manteniment ghaz-zewg itfal minuri taghhom Maria Elena u Andrè li ghandhom rispettivament 11-il sena u 5 snin, ghall-perjodu mill-15 ta' Frar 2005 sal-15 ta' Novembru 2005, in vista ta' digriet moghti mill-Qorti Civili Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja Digriet Numru 572/03 u Rikors Numru 678/03 liema rikors gie korrett bid-digriet numru 124/07. Bl-ispejjez tal-kawza u tal-Mandat Kawtelatorju pprezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati

(Malta) u bl-imghax legali mill-15 ta' Novembru 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-attrici u senjatament id-Digrieti bin-Numri 572/03 u 124/07 esebiti a fol. 44 sa' 49 tal-process.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra n-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata mill-attrici fl-10 ta' Lulju 2009 permezz ta' liema rriduciet it-talba taghha ghal €3,194.00.

Ikkonsidra:
L-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha l-manteniment dovut ghaz-zewg itfal minuri taghhom Maria Elena u Andrè, ghall-perjodu mill-15 ta' Frar 2005 sal-15 ta' Novembru 2005 u dana skond digriet moghti mill-Qorti Civili Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja Digriet Numru 572/03 kif sussegwentement korrett bid-digriet numru 124/07.

Ai termini tad-Digriet bin-Numru 572/03 il-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' Lm15.00 (illum ekwivalenti ghal €34.94) fil-gimgha lil kull wiehed mill-imsemmija zewgt itfal minuri, pagabbli tali ammont kull nhar ta' Hadd.

Bejn il-perijodu tal-15 ta' Frar 2005 u l-15 ta' Novembru 2005 hemm 39 gimgha u ghalhekk il-manteniment dovut ghaz-zewg minuri flimkien huwa ta' Lm30 x 39 = Lm1,170.00, illum ekwivalenti ghal €2,725.37.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata sa' l-ammont ta' elfejn seba' mija hamsa u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu

(€2,725.37), it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-attrici sa' dan l-ammont u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-imsemmija somma ta' €2,725.37; bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez tal-kawza u l-ispejjez tal-Mandat Kawtelatorju pprezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------